TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 89/12/GB

**Tony Mercieca**

**vs**

**Joseph Pitre' Limited**

Illum 28 ta' Jannar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hamest elef sitta u sebghin Ewro (€5,076.00) (fejn iffirma ddikjarazzjoni illi kull ammont mit-talba tieghu 'l fuq minn tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) qieghed jitwarrab), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal madum li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema madum kien difettuz; u rapprezentanti l-ispejjez li ntefqu sabiex tpogga dan il-madum, wara liema rrizulta li tali madum kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

F'Gunju 2010, huwa kien xtara madum tal-gres minghand is-socjeta' ntimata, wara li kien gie assigurat mill-istess socjeta' ntimata li kien ta' kwalita' prima u l-kaxxi tal-madum kienu mmarkati Grade AAA.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Meta, xhur wara, f'Ottubru 2011, beda t-twahhil tal-madum, kemm ir-rikorrent, kif ukoll it-'tile layer' imqabbad minnu, ghamlu kuntatt mas-socjeta' ntimata sabiex jilmentaw fuq il-kwalita' tal-madum. Is-socjeta' ntimata sostniet li l-madum kien ta' kwalita' prima u li t-'tile layer' kien qed iwahhlu hazin. Skond ir-rikorrent, is-socjeta' ntimata ghaddietlu l-informazzjoni skorretta u rrifjutat li tmur fuq il-post sabiex tara l-madum.

Il-Perit tar-rikorrent ghamel spezzjoni fuq il-post, fejn mill-ewwel innota l-ammont iktar min-normal ta' brim fil-madum. Fis-7 ta' Dicembru 2011, il-Perit talab lis-socjeta' ntimata certifikazzjoni tal-istess madum. Skond ir-rikorrent, id-dokumenti li ntbaghtu mhux ta' min joqod fuqhom. L-ewwel, is-socjeta' ntimata baghtet 'Word Document' li ma gietx accettata mill-Perit, peress li ma kienx ufficjali, u t-tieni dokument jidher car li ma jissodisfax l-obbligi bazici u ma jaqbilx mad-dokument l-iehor.

Ghaldaqstant, wara l-process kollu li ha fit-tul biex tingabar din l-informazzjoni, jidher b'mod car li r-rikorrent hallas ghal prodott ta' kwalita' tajba izda nghata prodott inferjuri.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent qed tigi kkontestata ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, in-nuqqas ta' kompetenza *rationae valoris* ta' dan l-Onorabbli Tribunal, ai termini ta' l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, u wkoll in linea preliminari, it-talba tar-rikorrent hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, it-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, stante illi mhux minnu illi s-socjeta' ntimata forniet lir-rikorrent prodott li mhux skond il-kwalita' supplita jew ta' kwalita' inferjuri, skond kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta tat-'tile layer', li giet immarkata bhala Dok.TM1; kopja ta' 'delivery note', li giet immarkata bhala Dok.TM2; sett ta' dsatax-il ritratt, li gew immarkati bhala Dok.TM3; u affidavit ta' Simon Cilia, li gie mmarkat bhala Dok.TM4.

In kontro-ezami, ir-rikorrent stqarr illi huwa kien kiteb lill-kumpanija li tissupplixxi l-madum f'Novembru. Stqarr illi huwa u t-'tile layer' dejjem wahhlu l-madum bil-mod kif kienet qaltilhom is-socjeta' ntimata. Is-socjeta' ntimata kienet qaltlu wkoll li hija qatt ma kellha problemi.

Xehed il-Perit David Vassallo, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr li kien tqabbad mir-rikorrent biex jispezzjona l-madum imqieghed, u li meta wiehed jidhol fil-post tar-rikorrent tara d-difetti fil-madum. Stqarr illi kien kiteb lis-socjeta' ntimata ghas-certifikazzjoni tal-madum. Dan kien 'Word Document' biss. Illi ghalhekk huwa kien kiteb lis-socjeta' ntimata u kienet baghtitlu dokument iehor. Skond ix-xhud, dan il-madum ma jidhirx li hu prima. Ma kienitx il-problema tat-'tile layer'. Stqarr ukoll illi kif wiehed jara l-madum, jinduna li hu 'seconds', u li d-difett kien rah wara li tpogga l-madum. Mistoqsi jekk kienx mar fuq il-post, ix-xhud stqarr illi kien mar meta kien qed jitwahhal, pero' ma marx wara.

Xehed Tony Azzopardi, prodott mir-rikorrent, fejn fix-xhieda guramentata tieghu stqarr illi huwa kien gie mqabbad bhala 'tile layer' mir-rikorrent biex ipoggilu l-madum li kien xtara minghand is-socjeta' ntimata. Meta r-rikorrent kien mar jarah imwahhal, kien qallu li mhux qed joghgbu ghax kien qed jarah mibrum. Ix-xhud kien fehmu d-difetti li kien fih il-madum, ghalkemm dan ma kienx fid-dmir tieghu li jaghmel hekk. Stqarr illi huwa jahdem skond is-sengha u l-arti u li kellu madwar gimgha biex pogga l-madum imwahhal f'postu.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi x-xoghol kien gie kif suppost u r-rikorrent ma kienx ghogbu. meta huwa lesta minn xoghlu, kollox deher normali. Meta kien spicca l-madum, kien mar u gab il-kumplament huwa stess u kien hallsu wkoll. Ir-rikorrent kien ghadu ma rahx.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet erbgha (4) dokumenti li gew immarkati bhala Dok.MP1 sa Dok.MP4.

Is-socjeta' ntimata ezebiet 'sample' tal-madum in kwistjoni u kaxxa tal-istess madum *animo ritirandi* waqt is-seduta.

In kontro-ezami, is-socjeta' ntimata stqarret illi l-madum ma jkollux isem fuqu. Jekk wiehed ikun irid certifikat, tista' iggibu minn barra minn Malta. Il-'water percentage' tal-madum huma kwazi kollha l-istess. Xehdet ukoll illi hadd minnha ma kien mar jara kif kien qed jitpogga l-madum waqt

li kien qed jitpogga, u li r-rikorrent missu gharrafha minn qabel u cioe' waqt li kien qed jitpogga l-madum.

It-Tribunal appunta lil Vincent E. Ciliberti, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata fuq l-ilment tar-rikorrent.

It-Tribunal ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' ntimata, it-Tribunal jikkonkludi illi tali eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* hija manifestament infondata. Il-formola tat-talba tikkontjeni dikjarazzjoni ffirmata mir-rikorrent stess fis-sens li kwalsijasi ammont tat-talba 'l fuq minn tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) qieghed jitwarrab. Ghalhekk, minkejja l-indikazzjoni tas-somma ta' hamest elef sitta u sebghin Ewro (€5,076.00) fl-avviz tat-talba, din ir-rinunzja da parti tar-rikorrenti kellha l-effett li targina t-talba taghha fil-kompetenza *ratione valoris* ta' dan it-Tribunal. **Ghalhekk, l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* sollevata mis-socjeta' intimata qed tigi michuda.**

Is-socjeta' intimata ssolevat ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jittratta dwar il-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni ghad-danni akwiljani. Tali preskrizzjoni certament ma tapplikax ghall-kaz in ezami, kemm ghaliex ir-rapport bejn il-partijiet huwa wiehed *ex contractu* u mhux wiehed *ex delictu vel quasi delictu*, oltre li l-preskrizzjonijiet applikabbli ghall-azzjonijiet quddiem dan it-Tribunal huma specifikament provduti fil-Kap.378. **Ghalhekk, in kwantu l-preskrizzjoni eccepita ma tapplikax ghall-kaz in ezami, l-eccezzjoni relattiva sollevata mis-socjeta' intimata qed tigi michuda.**

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza ghar-rapport ta' l-espert tekniku Vincent E. Ciliberti, fejn gie kkonstatat illi: *"l-madum supplit huwa ta prima kwalita, u mhux kif dikjarat mir-rikorrenti, l-perit minnu nkarigat, u dak dikjarat mix-xhud, is-sur Simon Cilia."*, liema konkluzjoni nghatat mill-istess espert tekniku a bazi tas-semplici fatt illi rigwardanti d-difett allegat fil-madum in kwistjoni, *"l-istess irrizulta fl-ispezzjoni ta kaxxa shiha ta madum spezzjonata fix-showroom tas-socjeta ntimata"*, qed jaghzel li jiddiskosta ruhu mill-konkluzjonijiet peritali, u dana ghas-segwenti raguni:- Il-fatt li l-kampjun ezaminat mill-espert tekniku kien ukoll mibrum, ma jfissirx illi b'daqshekk tali nuqqas kien qed jigi sanat. Jekk il-kampjun kien difettuz, in kwantu mibrum, ma jsegwix illi allura ma jezisti l-ebda difett ghaliex il-madum effettivament

imwahhal kien mibrum bl-istess mod. Fl-ahhar mill-ahhar, dak li jiswa' huwa l-prodott ahhari li jircievi l-konsumatur, u tali prodott kjarament ma kienx ta' kwalita' tajba. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**